~~egħġubijiet għall-ġid ta' ħafna u ta' kulħadd: l-imġiddmin ġew imnaddfa, il-morda ġew imfejqa, il-qaddej taċ-Ċenturjun ġie mfarraġ u hekk ukoll omm mart Pietru, l-invażati ta' Gerasa, il-magħtub, bint Ġajru, l-emorojissa, u għomja u muti, u magħtubin u għadd bla qies ta' msejkna oħra.~~

~~U mhux hemm kien ukoll, meta kattar il-ħobż, waqt li tama' l-ġisem u paxxa r-ruħ ta' dawk l-eluf li kienu jmorru għal warajh u jemmnu Fih?~~

~~U eluf, u eluf ta' tifkiriet oħra ġġibilna quddiem għajnejna l-Bħajra Genezaret, bħallikieku armarju mimli sa ruħu bl-aqwa tifkiriet. U dawn it-tifkiriet huma għal kulħadd, għax Ġesù hu Alla, għax Alla hu Missierna, ġidu u saltnatu huma tagħna, għax Alla jista' kollox, u aħna ta' kollox aħna bżonn: kollox ninħtieġu: assolutament kollox, u biss minn Għandu.~~

~~Dan hu l-Baħar ta' Tabarija!~~

# L-APOSTOLAT TAL-BAHAR FL-ART IMQADDSA

Waħda minn dawk il-ħidmiet fejjieda misjuba mill-qalb kbira tar-Reliġjon Nisranija - Kattolika, li timxi dejjem wara wliedha kull fejn ikunu u kull fejn imorru hi, mingħajr ebda dubju, l-opra ta' "L-APOSTOLATUS MARIS", li hi ħlejqa ġdida u qaddisa mitluba miż-żminijiet tagħna u mir-rieda tas-Santa Sedi Appostolika.

Kien il-Q. T. il-Papa Piju XII, li, fl-1 ta' Awissu, 1952, bix-xandira tal-Kostituzzjoni tiegħu **"Exul Familia"** fehem li jagħti għamla ta' liġijiet ġodda li huma siewja għall-għajnuna spiritwali, morali u soċjali ta' l-emigranti u ta' dawk kollha li jbaħħru jew ikunu jinsabu f'portijiet ta' pajjiżi għorba. Għalhekk, fit-Tieni Taqsima tal-Kostituzzzjoni "Exul Familia", il-Papa jagħti lis-Sagra Kongregazzjoni tal-Konċistorju setgħat barranija dwar it-tmexxija u l-qadi tal-baħħara u ta' l-emigranti, ikunu fejn ikunu; u għal dan il-għan ħoloq żewġ uffiċċji ġodda taħt direzzjonijiet ġodda: a) **Kunsill ta' l-Emigrazzjoni,** li għandu jikseb, isib u jistabbilixxi dawk il-mezzi l-aktar siewja għall-qadi ta' l-emigranti; b) **Segretarjat Ġenerali Internazzjonali,** li jfittex jirregola u jagħti tmexxija mill-aħjar għall-opra u għall-ħidma siewja ta' l-Appostolat tal-Baħar.

Is-seklu tagħna, is-seklu XX huwa s-seklu tal-magni, is-seklu ta' fittex isa! Id-dinja, fl-ibħra, fix-xmajjar kbar tagħha u fl-oċeani, hi mniġġsa, marbuta u mgħaqqda b'xibka fina fina ta' vapuri: vapuri ta li stim u ta' bla stim, vapuri kbar u żgħar, ta' lussu u tat-tagħbija li, lejl u nhar ibaħħru, jiltaqgħu flimkien; huma mijiet ta' eluf ta' baħħara fuq dawn il-vapuri u ma hemmx marsa fid-dinja fejn dawn il-baħħara ma jiltaqgħux ma' xulxin. Huma mijiet ta' eluf li jaqilgħu ħobżhom ta' kuljum għalihom u għal dawk ta' djarhom, minn fuq dawn il-vapuri, minn fuq il-baħar. Ma hemmx port tad-dinja fejn ma

jaslux dawn il-vapuri u dawn il-baħħara.

U la taħsbux li l-ħajja jumija ta' dawn il-baħħara hija mill-aħjar. Jekk din il-ħajja tagħhom fuq il-baħar u fil-portijiet li jidħlu nħarsu lejha minnaħa morali u reliġjuża, aħna nsibu li għalihom hi ta tiġrib kbir. Filvjaġġi twal u fis-safar imbiegħed tagħhom huma jiltaqgħu u magħhom jagħmluha, ma' nies ta' razez diversi, ta' drawwiet li mhumiex imrobbija fihom u ta' qagħda soċjali mhix bħal tagħhom. Imma l-iżjed fil-portijiet, fil-qaliet u fil-fjords li fihom jinżlu u jistrieħu: huma dawn hekk ta' kbir tiġrib għalihom li jgħawru u jherru l-imħabba u r-rabta tal-familja tagħhom u l-konvinzjonijiet reliġjużi ta' l-imsejkna emigranti u baħħara.

Sabiex tilqa' għal dan it-tiġrib ta' l-emigranti u tal-baħħara l-Knisja sa mill-1920, ħolqot l-Opra ta' l-"Apostolatus Maris" li l-għan tagħha hu, bħal ma għedna, li tagħti għajnuna siewja reliġjuża, morali u soċjali permezz ta' saċerdoti missjunarji apposta, li jilħqu l-baħħara fuq il-baħar, u kappillani li jilħqu lil dawk li huma fil-portijiet f'xogħol ta' thejjija għal vjaġġi tal-baħħara.

Għalhekk, l-Opra ta' l-Appostolat tal-Baħar, barra li hi megħjuna mis-Segretarjat Ġenerali, mid-Direttorju u Kappillani ta' fuq il-baħar approvati mis-Sagra Kongregazzjoni tal-Konċistorju, hi megħjuna wkoll minn saċerdoti oħra mixħutin għal dan ix-xogħol taħt il-ħarsien ta' l-Isqof Djocesan.

Il-Kustodja ta' l-Art Imqaddsa ma hix nieqsa minn dawn is-Saċerdoti Missjunarji li jieħdu ħsieb il-baħrin meta dawn jaslu u joqgħodu fil-portijiet li huma taħt il-ħarsien tagħha: hi taqdihom sew fuq il-mirkeb tagħhom, kemm ukoll meta huma l-art. M'hemmx xi ngħidu, billi hemm finnofs ħidma pastorali, għalkemm f'sens estiż, għal dan tinħtieġ il-wettqa ta' l-Ordinarju tal-post.

Lixandra (fl-Eġittu t'Isfel) fi żmenijiet ordinarji, hi l-aqwa port tal-pajjiż ta' Farawni, l-ewwel Port tal-Lvant Nofsani u l-aktar wieħed imfittex fil-baħar Mediterran. Aktar minn 50 Aġenzija ta' vapuri jinsabu hemm li jippreżentaw l-aqwa soċjetajiet ta' l-aqwa nazzjonijiet tad-dinja. Sa ftit ilu (għax il-lum minħabba l-għelt politiku u minħabba l-għeluq tal-Kanal tas-Swejz, il-qagħda tbiddlet) il-vapuri li kienu jidħlu fil-port ta' Lixandra, kienu jaslu fuq il-230 wieħed u ġejjin minn kull nazzjon tad-dinja: mid-Danimarka, mill-Olanda mill-Ingilterra minn Franza mill-Ġermanja, mill-Italja, minn Spanja, mill-Greċja, mir-Rumanija, mit-Turkija u min-naħiet ta' l-Asja, mir-Repubbliki ta' l-Amerika ta' Fuq u t'Isfel: l-aktar mill-Italja, mill-Amerika u mir-Russja. Naqsu ħafna, dan l-aħħar, l-Ingliżi u l-Franċiżi, minħabba l-pulitka ta' dawn l-aħħar żminijiet.

Ħafna u ħafna fost il-baħrin li xogħolhom hu fuq dawn il-vapuri li jidħlu f'dan il-port ta' Lixandra huma Kattoliċi u jiġu moqdija f'dak li hu tar-ruħ minn Kappillani li huma fl-'Apostolatus Maris. Is-Sedi ta' dan l-'Apostolatus Maris' f'Lixandra hu l-Ospizju ta' San Franġisk, qrib ħafna tax-xatt, magħruf bħala "San Francesco alla Marina," bogħod biss xi nofs mil mid-Dwana u mix-xatt. Il-post kbir u wasa' u bil-knisja sbejħa u arjuża għandu dak kollu li jinħtieġ għal dan il-għan.

Il-mexxejja tal-Kustodja ta' l-Art Imqaddsa dejjem ħarsu fil-bogħod għal dak li hu ġid ta' l-erwieħ ta' dawk li jkunu taħt il-ħarsien tagħhom. Għalhekk, meta fis-sena 1880 bnew l-

Ospizju u l-Knisja ta' San Franġisk in-naħa tax-xatt u tal-port ta' Lixandra, huma bnewhom b'dak il-għan sabiħ li jkunu jistgħu jaqdu dawk l-eluf u eluf ta' vjaġġaturi, ta' kummerċjanti u baħħara oħra li jinżlu f'Lixandra, u hekk, mingħajr ma kienu jobsru forsi kienu qegħdin iħejju t-triq għal dak li kellha tkun l-Opra u l-ħidma ta'l-'Aposolatus Maris' f'dak il-port hekk imqanqal u frekwentat (Riv. "Le Missioni Francescane in Palestina" Vol. 8, pag. 30, 1880).

Minn dak iż-żmien 'il hawn, il-Missjunarji ta' l-Art Imqaddsa, li kienu jgħammru f'dak l-Ospizju ta' San Franġisk (u li ħafna minnhom kienu Maltin) kienu ġa jagħmlu dak ix-xogħol li llum hu ħidma tal-Kappillani tal-port ta' l-'Appostolat tal-Baħar'.

Meta ġiet imwaqqfa, imbagħad, imxandra u magħrufa l-Opra ta' l-'Apostolatus Maris', minn Ruma wkoll uffiċjalment, il-port ta' Lixandra kellu erba' Kappillani Onorarji, iżda kien biss fl-1947, li l-Vigarju Apostoliku ta' l-Eġittu, mitlub mir-Rev.mu Kustodju ta' l-Art Imqaddsa, ħatar bħala Kappillan ta' dak il-port, b'rabta mas-Segretarju Ġenerali ta' l-Opra ta' l-l-Apostolat tal-Baħar, lir-Rev. P. Rafel Gherna, O.F.M., Taljan - Amerikan, minn żmien Missjunarju fl-Art Imqaddsa, b'Sedi fl-Ospizju ta' San Franġisk tax-xatt. Il-lum hemm tliet portijiet fil-Kustodja ta' l-Art Imqaddsa, li huma fil-lista ta' dawk li s-Segretarjat ta' l-Apostolat tal-Baħar imexxi l-missjoni tiegħu bil-Patrijiet Missjunarji ta' l-Art Imqaddsa: Lixandra, Larnaka u Famagusta.

L-Opra ta' l-'Apostolatus Maris' hi magħrufa biżżejjed ukoll hawn Malta, sa mill-ewwel żminijiet tat-twaqqif tagħha. Hi għandha s-Sedi tagħha fl-Ospizju u l-Knisja ta' Liesse, fix-Xatt tal-Belt, fejn dari l-Pixkerija. Titulari uffiċjali tagħha huwa r-Rev. P. Ġużepp Scalpello, O.F.M., magħruf uffiċjalment mis-Segretarjat ta' l-'Apostolatus Maris' bħala bniedem ta' ħidma kbira u fejjieda. U tassew, b'zelu ta' veru appostlu ma jħalli ebda okkażjoni li ma jaqdix puntwalment l-uffiċċju tiegħu ma' dawk li jmissu jew jieqfu fil-port ta' Malta.

Dawn il - Kappillani tal-Portijiet għandhom xogħlijiet xi jwettqu biżżejjed iebsa: Iżuru kull vapur ta' kull nazzjon li jidħol fil-port u jikkuntattja n-nies ta' fuqu: dawn il-vapuri huma ta' għadd mhux ċkejken għal matul is-sena; iqaddes fuqhom fil-Ħdud u f'jiem oħra, jekk jinħtieġ, u jsemmgħu lil dawk ta' fuqu l-kelma t'Alla; iqarru wkoll, jekk jiġu mtiluba u jqarbnuhom, jekk jinħtieġ.

U din il-ħidma ta' dawn il-Kappillani mhix ristretta biss għal dawk ta' fuq il-mirkeb: baħrin, passiġġieri, emigranti, eċċ., jew għal dawk biss li jieqfu fil-port, iżda l-baħrin, passiġġieri eċċ.; jiġu wkoll milqugħin fl-uffiċċju tas-Sedi f'kull ħin, fejn hemm reġistru, li fih iniżżel ismu u jista' jitlob u jkollu pariri tajba u ta' fejda, li jiswewlu biex f'kull għamil tiegħu, ikun fejn ikun, jiftakar u ma jinsiex li hu Nisrani - Kattoliku.

Barra dan, iċ-ċentru għandu librerija sħiħa ta' kotba, perjodiċi, ġurnali u materjal ieħor ta' kultura reliġjuża biex wieħed jista' jgħaddi siegħa ħin onesta u ta' xi profitt għalih u għall-familja tiegħu

Il-ġid tar-ruħ li bosta drabi jieħdu dawn l-imsejkna baħħara, imbegħdin mill-familja u minn ħbiebhom, ma jistax jitqies bix-xiber: biżżejjed wieħed jifhem: Dak il-ġid huwa bla qies b'kull sens li wieħed jagħtih u jifhmu!

P. G. G.